



Kunsill Ewropew

Brussell, 13 ta' April 2018  
(OR. en)

EUCO 7/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0900 (NLE)**

---

INST 92  
POLGEN 23  
CO EUR 8

**ATTI LEGALI**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

ta'...

**li tistabilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew**

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> Inizjattiva adottata fis-7 ta' Frar 2018 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>2</sup> Kunsens ta'... (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jistabbilixxi l-kriterji għall-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, jiġifieri li n-numru tar-rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni ma jisboqx is-seba' mija u ħamsin, apparti l-President, li r-rappreżentanza għandha tkun proporzjonalment digressiva, b'limitu minimu ta' sitt membri għal kull Stat Membru, u li l-ebda Stat Membru ma għandu jiġi allokat aktar minn sitta u disgħin siġġu.
- (2) L-Artikolu 10 TUE jipprevedi, *inter alia*, li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva, fejn iċ-ċittadini jkunu rappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jkunu rappreżentati mill-gvernijiet tagħhom, li huma stess ikunu demokratikament responsabbli lejn il-Parlamenti nazzjonali jew lejn iċ-ċittadini tagħhom, fil-Kunsill.
- (3) L-Artikolu 14(2) TUE għalhekk japplika fil-kuntest tal-arranġamenti istituzzjonali usa' stabbiliti fit-Trattati, li jinkludu wkoll id-dispożizzjonijiet dwar teħid ta' deċiżjonijiet fil-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) TUE, għandhom jiġu rispettati l-prinċipji li ġejjin:

- l-allokkazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew għandha tuża b'mod sħiħ il-limitu minimu u dak massimu għal kull Stat Membru stabbiliti mit-TUE, biex ikun rifless kemm jista' jkun possibbli d-daqs tal-popolazzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri;
- il-proporzjonalità digressiva għandha tiġi ddefinita kif ġej: il-proporzjon bejn il-popolazzjoni u n-numru ta' siġġijiet ta' kull Stat Membru qabel l-arrotondament għal numri sħaħ għandu jvarja skont il-popolazzjonijiet rispettivi tagħhom b'tali mod li kull Membru tal-Parlament Ewropew minn Stat Membru b'popolazzjoni akbar jirrappreżenta aktar ċittadini minn kull Membru tal-Parlament Ewropew minn Stat Membru b'popolazzjoni iżgħar u, bil-maqlub, li aktar ma tkun kbira l-popolazzjoni ta' Stat Membru, akbar ikun id-dritt tiegħu għal numru kbir ta' siġġijiet fil-Parlament Ewropew,
- l-allokkazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew għandha tirrifletti l-iżviluppi demografiċi fl-Istati Membri.

## *Artikolu 2*

Il-popolazzjoni totali tal-Istati Membri hija kkalkolata mill-Kummissjoni (Eurostat) abbażi tad-data l-aktar reċenti pprovduta mill-Istati Membri, skont metodu stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.

## *Artikolu 3*

1. In-numru ta' rappreżentanti fil-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru huwa b'dan stabbilit kif ġej għal-leġislatura 2019-2024:

|                    |    |
|--------------------|----|
| Il-Belġju          | 21 |
| Il-Bulgarija       | 17 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 21 |
| Id-Danimarka       | 14 |
| Il-Ġermanja        | 96 |
| L-Estonja          | 7  |
| L-Irlanda          | 13 |
| Il-Greċja          | 21 |

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

|                |    |
|----------------|----|
| Spanja         | 59 |
| Franza         | 79 |
| Il-Kroazja     | 12 |
| L-Italja       | 76 |
| Ċipru          | 6  |
| Il-Latvja      | 8  |
| Il-Litwanja    | 11 |
| Il-Lussemburgu | 6  |
| L-Ungerija     | 21 |
| Malta          | 6  |
| In-Netherlands | 29 |
| L-Awstrija     | 19 |
| Il-Polonja     | 52 |
| Il-Portugall   | 21 |
| Ir-Rumanija    | 33 |
| Is-Slovenja    | 8  |
| Is-Slovakkja   | 14 |
| Il-Finlandja   | 14 |
| L-Iżvezja      | 21 |

2. Madankollu, fl-eventwalità li r-Renju Unit ikun għadu Stat Membru tal-Unjoni fil-bidu tal-leġislatura tal-2019-2024, in-numru ta' rappreżentanti fil-Parlament Ewropew eletti għal kull Stat Membru li jieħdu l-kariga għandu jkun dak previst fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2013/312/UE<sup>1</sup> sa meta l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni jsir legalment effettiv.

Ladarba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni jsir legalment effettiv, in-numru ta' rappreżentanti fil-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru għandu jkun dak previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Ir-rappreżentanti kollha fil-Parlament Ewropew li jimlew is-siġġijiet addizzjonali li jirriżultaw mid-differenza bejn in-numru ta' siġġijiet allokat skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom jokkupaw is-siġġijiet tagħhom fil-Parlament Ewropew fl-istess waqt.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2013/312/UE tat-28 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 57).

*Artikolu 4*

Fi żmien suffiċjenti qabel il-bidu tal-leġislatura 2024-2029, il-Parlament Ewropew għandu jressaq quddiem il-Kunsill Ewropew, skont l-Artikolu 14(2) TUE, proposta għal allokkazzjoni aġġornata tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...

*Għall-Kunsill Ewropew*  
*Il-President*

---